# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## Għaxar LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 13

**23 ta' Ġunju, 2025**

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-1.35pm

**PREŻENTI:**

Philip Vella – Sindku
Philip Cassar – Viċi Sindku
Francis Galea – Kunsilliera
Franco Bajada – Kunsillier
Marija Cassar Sultana - Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

Ħadd

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Jeanette Grima – Segretarja Eżekuttiva

# Aġenda Nru. 13

13.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
13.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru. 12.
13.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
13.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;
13.5 Attivitajiet – Festa Santa Margerita 2025.
13.6 Ilmenti u Suġġerimenti;
13.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
13.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

## Minuti

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 13.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

13.1.1 Il-kunsilliera Maria Cassar ma tistax tattendi l-laqgħa għax qeda rikoverata l-isptar.

## 13.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 12

13.2.1 Is-sindku beda l-laqgħa billi ta merħba lis-segretarja eżekuttiva l-ġdida is-Sa.Jeanette Grima u flimkien mal-kunsilliera awguralha l-ħidma t-tajba fi ħdan il-kunsill. Is-segretarja eżekuttiva bdiet l-esperjenza tagħha fil-kunsill wara li temmet b'suċċess l-eżamijiet propju s-Sibt li għadda. Is-sindku qal li kif kien issuġerixxa l-viċi sindku, ser isir *team building* barra mil-bini tal-kunsill, biex isiru jafu aktar lil xulxin. Issa jridu jsibu din il-ġurnata, peress li kulħadd ikollu l-impenji personali tiegħu. Il-Kunsill għadda mill-ewwel għall-minuti tal-laqgħa preċedenti Nru.10. Is-segretarja eżekuttiva bagħtet l-minuti tal-laqgħa Nru 12 lill-kunsilliera. Dawn il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarja Eżekuttiva.

## 13.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

13.3.1 Is-sindku beda l-komunikazzjoni tiegħu billi qal, li rigward it-Triq tal-Qasam ix-xogħol għaddej ġmielu, fejn qed jagħmlu l-*water rain culvert* biex ikunu jistgħu jingħaqdu mal-pipijiet l-oħrajn biex l-ilma jgħaddi minn dak il-kanal li hemm fi Triq il-Qasam, biex jitwassal għal Mġarr ix-Xini. Kif kien diskuss f'waħda mill-laqgħat tal-kunsill saret katusa għal ġol-*playing field*, biex eventwalment meta jsir il-ġibjun taħt l-imsemmi *playing field*, l-ilma jkun jista jinġabar ġo dan il-ġibjun u jkun jista' jintuża biex isir it-tisqija tal-pjanti u siġar fir-raħal. Hekk ikun jista' jiġu frankati spejjeż li qed jagħmel il-kunsill biex iġib *bowzers* ta' l-ilma għat-tisqija, speċjalment bħalissa fis-Sajf. Il-kunsill qed jispera li jkun hemm opportunità ta' fondi biex ikun jista' jsir il-proġett imsemmi, fejn il-pjanti u l-BOQs neċessarji diġa saru minn naħa tal-perit. It-*trial holes* għadhom ma' sarux, u għalhekk iridu jaraw x'ħa jsibu fil-qiegħ. Bħala kunsill qed jaħdmu biex x-xogħlijiet fi Triq il-Qasam ikunu lesti sal-festa, biex ikunu jistgħu isiru t-tiġrijiet taż-żwiemel.

13.3.2 Il-ktiba taż-żwiemel diġa nfetħet, kif ukoll saru d-dokumenti neċessarji bħala assigurazzjoni u rapport tal-veterinarju. It-tiġrija se tkun it-Tnejn 21 ta' Lulju, tibda fis-sitta ta' filgħaxija u tispiċċa f'nofs il-lejl. It-tender ta' l-iscaffolding inħareġ bl-*accelerated procedure*, u bħalissa qed jinġabru l-kwotazzjonijiet tas-*sound* u d-dawl

marbuta ma’ din it-tiġrija, kif ukoll *LED screen* li jkun fuq iz-zuntier. Minn naħa ta’ animal *welfare*, dan taw in-*no objection*, kif ukoll il-kunsill tax-Xewkija u tal-Belt Victoria li għandhom parti mill-konfini tagħhom. Issa xħin qed jinġabru dawn id-dokumenti, immoru għand il-pulizija biex jagħtu in-*no objection* tagħhom, biex finalment jgħaddu għand *Transport Malta* biex joħorġu l-permessi neċessarji. Is-segretarja eżekuttiva qed tipprepara l-applikazzjoni biex tkun tista’ titressaq it-talba għal-fondi lill-Ministeru għal Għawdex marbuta ma’ din it-tiġrija, peress li din hija tiġrija tradizzjonali. Is-sindku qal li t-tapit issa nxtara u jiġi mpoġġi dak inhar tat-tiġrija. Hekk ikunu qed jibżgħu għall-madum tal-pjazza u anki s-saħħa u sigurtà ta’ l-ispettaturi. Isiru wkoll il-balal tat-tiben, biex in-nies ma jaqbżux is-sinjal u hekk jiġu evitati nċidenti. Il-viċi sindku flimkien mal-kunsillier Bajada issuġerixxew li jibgħatu ittra lir-residenti li joqogħdu fi Triq 28 t’April u l-inħawi tal-madwar, li ser isir it-tiġrija f’dik it-tali ġurnata u t-triq se tkun magħluqa f’ċertu ħinijiet. Dan l-avviż jista jsir ukoll fuq il-paġna soċjali tal-kunsill. Is-sindku semma li s-sena l-oħra kien hemm żewġ uffiċċjali tas-sigurtà, wieħed Dun Xand Aquilina u l-ieħor Triq ta’ Ċenċ biex jinfurmaw lin-nies, però, dawn l-uffiċċjali qadu n-naħa t’isfel u hekk in-nies ma kienux infurmati.

13.3.3 13.50 il-kunsilliera Galea ħarġet mill-laqgħa.

13.3.4 13.51 il-kunsilliera Galea daħlet lura għal-laqgħa. Daħlet ukoll il-kunsilliera Cassar Sultana.

13.3.5 Fuq Triq Xamgħan, is-sindku qal l-kuntrattur ma jistax jibda għax għadu jistenna l-livelli mingħand l-awtorità ta’ l-ippjanar, peress li talab iktar *surveys* relatati. Il-perit tal-kuntrattur qed jitlob li l-awtorità ta’ l-ippjanar toħroġ il-*points* biex ikunu jistgħu joħorgu l-livelli u jkun jista’ jibda x-xogħol ta’ l-asfaltar. Is-sindku ma jistax jagħti *time frames* ta’ meta ser jsiru xogħol ta’ l-asfaltar ta’ din l-imsemmija triq.

13.3.6 Il-kunsilliera Cassar Sultana, semmiet li la qed isemmu Triq Xamgħan, iridu jitkellmu fuq il-problema ta’ l-iskart. Is-sindku qal li l-kunsill kien qed imur jiġbor il-boroż, u xħin titneħħa, għad isibu oħrajn u dejjem jiżdiedu. Il-kunsillier Bajada semma li wara li daħal ilment fuq l-indafa ta’ ċertu toroq u saret laqgħa mal-ħaddiema, kien hemm kliem ta’ tifħir minn naħa tar-residenti.

13.3.7 Is-sindku qal li fi Triq il-Gruwa, xi ħadd bagħat ritratt li kien hemm xi boroż suwed. Is-sindku ċempel lil min hu responsabbli mit-tindif ta’ dik it-triq li minnufih mar u naddaf dan l-inkonvenjent. Rigward il-konkos li kien hemm fl-istess triq, dan inqala, grazzi ta’ l-għajnuna mill-Ministeru għal Għawdex. Però is-sindku qal li xħin għadda minn din it-triq, reġa’ ra li waqqgħu xi konkos ma’ l-art. Il-kunsilliera huma tal-fehma, li qabel ma jitwaħħlu l-kameras tas-sigurta, ma jistgħux jinqatgħu ċertu abbużi. Is-sindku qal li issa l-kunsill għandu segretarja eżekuttiva, u dawn il-kameras tas-sigurta ser jitwaħħlu.

13.3.8 Is-sindku qed jitkellem mal-ministeru t’Għawdex, fuq in-naħa ta’ wara ta’ triq Xamgħan. Is-sindku kkonferma li din it-triq ġiet pubblika, però baqa’ ħafna żmien biex tiġi ffirmata, peress li jrid ikun hemm 80% tat-triq. Is-sindku qed jargumenta, li jekk ma tiġix irranġata t-triq ta’ fuq, ta’ l-inqas b’kisja waħda ta’ asfaltar, xorta se jkun hemm inkonvenjent peress li l-ħmieġ, trabijiet, żrar tat-triq, speċjalment meta tagħmel ix-xita, se jmur kollu

għal fejn il-binja tal-mużew u jibqa' nieżel lejn il-pjazza. Is-sindku reġa fakkar li l-kunsilli m'għandux ir-responsabiltà ta' proġetti ta' toroq, imma biss il-manutenzjoni tagħhom. Is-sindku qal li l-ilma u d-dranaġġ fil-parti ta' fuq ta' Triq Xamgħan, saru mill-privat, u jridu jaraw jekk humiex ta' *standards* kif mitlub mill-korporazzjoni ta' l-ilma.

13.3.9 F'laqgħa tar-reġjun t'Għawdex, is-sindku qal, li mportanti li l-kunsill tiżdiedlu l-allokazzjoni finanzjarja, għax żdiedu ħafna toroq ġodda u fost l-oħrajn ikun hemm bżonn ta' bozoz tad-dawl, ġbir taż-żibel. Ta' l-inqas għal dawn is-sentejn li ġejjin, biex jintlaħqu l-aspettativi tan-nies u fejn hemm bżonn. Din it-talba intlagħqet tajjeb, u anki l-fatt li kunsilli lokali għandhom toroq ġodda u sfidi, għalhekk din it-talba taffetwa ħafna mill-kunsilli.

13.3.10 Il-kunsillier Bajada semma is-sistema ta' l-ilma u d-dranaġġ fi Triq Dun Luqa li tagħti għal ta' Ċenċ. Is-sindku qal, li t-*tender* ħareġ u ġiet aġġudikata, bil-kumpanija Road Construction Ltd. tirbaħ it-*tender*.

13.3.11 Fuq il-*playing field*, sakemm il-kunsill iġib il-fondi meħtieġa biex isir il-proġett maħsub, is-sindku huwa tal-fehma li l-*playing field* jingħalaq filgħaxija u hekk ikun hemm iktar kontroll u jitnaqqsu l-abbużi. Dan għall-fatt mir-rapport li ħarġu l-OASI, li f'xi playing field għaddejjin xi abbużżi. L-għaqda ta' l-armar għandha responsabiltà li tiftaħ u tagħlaq l-*playing field*.

13.3.12 Minn fondi tal-GAGF, fi ħdan id-dipartiment tal-kunsilli lokali, ħareġ skema ta' fondi marbuta ma' *soft areas*. Is-sindku qed jissuġerixxi li fi Triq Xamghan il-parti t'isfel, hemm il-possibiltà li jsir tip ta' *soft area* bil-bankijiet, siġar, ħitan tas-sejjieħ, *cat house* peress li hija art tal-gvern. Il-kunsill f'dan il-każ jista jitlob devoluzzjoni ta' din l-art, biex ikun jista' jsir dan il-proġett. Il-kunsilliera qed jaqblu li għandhom jaraw din il-possibiltà. Is-sindku semma li bħala kunsill ħawwal ħafna siġar f'postijiet madwar ir-raħal, speċjalment fi ġnien il-Bidwi, u d-daħla taċ-Ċnus. Is-sindku fakkar fil-proġett tal-Belvedere fi Triq 28 t'April, liema xogħlijiet jinkludu siġar, fanali ġodda, *dustbins*. Hemm applikazzjoni li trid isir mal-*project green*, u jrid ikun hemm l-inġinier, kif ukoll l-infrastruttura irid jieħu ħsieb il-perit tal-kunsill.

13.3.13 Rigward Triq Skerla, is-sindku qal li l-kunsill kien għamel *open area*, wara li kien hemm żmien li tpoġġew l-iskips u kulħadd kien qed jarmi bl-addoċċ. Il-kunsill kien għamel ftehim ma' sid l-għalqa li jekk tigi zviluppata, iridu jitkellmu biex isir l-izvilupp u jkollu l-aċċess. Kien hemm laqgħa is-sindku flimkien mal-perit tal-kunsill mal-perit ta' sid l-għalqa, fejn ġie propost li jiġi *redesign* ta' din l-area. Il-kunsilliera Cassar Sultana semmiet li hemmhekk ikun hemm ħafna qtates. Is-sindku qal li persuni qed jitfgħu kull tip ta' ikel fuq il-ħajt tas-sejjieħ, li qed iġib ħafna nemus, dubbien u riħa tinten. Is-sindku semma li hemm *animal steward* u l-*farm* fi ħdan il-ministeru għal Għawdex.

13.3.14 Il-viċi sindku semma ilment li daħallu mingħand resident rigward Triq Palazzo Palina. Is-sindku qal li x-xogħlijiet huma taħt ir-responsabiltà mal-korporazzjoni ta' l-ilma u l—Enemalta. Dawn in-nies qed igergru minħabba x-xogħlijiet li għaddejjin u se tingħata l-asfaltar. Is-sindku saħaq li x-xogħlijiet irisu jsiru, li matulhom jinħolqu ċertu nkonvenjenti. Is-sindku qal li qabel ma ġiet toqgħod din il-persuna kien hemm

problema bid-dawl. Wara l-ilmenti saru żewġ *substations* tad-dawl f' dawn l-akwati. Kien hemm problema ta' ilma, minħabba l-pressa, peress li kien hemm għaddejjin pajpijiet tal-plastik. Is-sindku semma li sar proġett nazzjonali fuq il-kwalità ta' l-ilma, I waqt ix-xogħlijiet enfasizza li jinbidlu l-pajpijiet tal-plastic, kif fil-fatt sar biex titjieb il-pressa ta' l-ilma. Is-sindku ammetta li kien hemm diffikultajiet u l-kuntrattur seta' għamel ix-xogħol aħjar, però, issa waslu fl-aħħar fażijiet b'infrastruttura ġdida li se jgawdu r-residenti f'dawn l-akkwati.

13.3.15 Palazzo Palini wara li ser isir bit-tarmac, is-sindku qal li huwa mportanti li jiġi organizzat il-parking, speċjalment hemm ċertu persuni li ma' jistgħux jidħlu bil-vettura tagħhom fil-garaxx, u anki it-trakk taż-żibel ikun jista' jgħaddi b'aktar kumdità.

13.3.16 Il-viċi sindku semma fuq sqaq fi Triq ta' Ċenċ biex isiru xi tiżbiħ ġo fih, però, is-sindku kkonferma li se tinfetaħ triq u għalxejn se jsiru x-xogħlijiet ta' tiżbih, għajr li jinqata' l-ħaxix ħażin.

13.3.17 Il-viċi sindku qal ukoll li hemm persuna li talab biex isir *double yellow line* għax ma jkunx jista' jidħol bil-vettura tiegħu fil-garaxx. Is-sindku qal, li biex isir id-*double yellow line* iridu l-approvazzjoni ta' *Transport Malta*. Is-sindku talab lill-viċi sindku biex jibagħtlu r-ritratti ħalli jibagħtu *reminder* lit-*Transport Malta*.

13.3.18 Persuna ilmenta mal-viċi sindku, li qed isib problema biex jidħol bit-*tractor* biex ikun jista' jaħrat fi Triq it-28 t'April. Is-sindku qal li se jaraw isir aċċess temporanju biex ikun jista' jidħol, qabel ma jsir il-proġett tal-belvedere.

13.3.19 Il-kunsillier Bajada ressaq suġġeriment jekk hux possibli isiru żewġ *sleeping police* fi triq il-kbira, peress li qed ikun hemm sewqan eċċessiv. Is-sindku qal li *sleeping police* ma jistgħux isir, minħabba li hija rotta li tgħaddi x-xarabank. Il-kunsilliera Galea, semmiet li fir-raħal tax-Xagħra hemm sleeping police li tgħaddi l-bus tat-Transport pubbliku. Is-sindku qal li jerġgħu jagħmlu talba lit-*Transport Malta* u jikkwotaw dan il-preċedent li hemm fir-raħal tax-Xagħra.

13.3.20 Kien hemm ilment ieħor imressaq mill-kunsillier Bajada, fejn qed jgħid li ċertu sewwieqa qed jiksru minn Triq ta' Ċenċ għal Triq Santa Marija b'veloċità eċċessiva. Il-kunsillier Bajada issuġerixxa forsi jsiru xi tabelli biex wieħed inaqqas il-veloċità u anki forsi titpinġa slow sign ma' l-art. Is-sindku qal li tabelli u sinjali jistgħu isiru, però fl-aħħar mill-aħħar hija responsabiltà tax-xufier.

13.3.21 Il-kunsilliera Galea resqet ilment mingħand persuna fi Triq Skerla li qed isib diffikultà biex joħroġ mir-residenza tiegħu, peress li m'hemmx bankina u qed jipparkjaw eżatt mal-bieb tiegħu. Is-sindku qal li se jmur jara fuq il-post biex jaraw issirx bankina, u japplikaw fuq is-sistema tal-ministeru għal Għawdex.

13.3.22 Il-kunsilliera Cassar Sultana ssuġġeriet li issa li probabilment se tinqala' s-siġra l-kbira, parti miz-zokk oħxon jittieħed u jsir opra ta' skultura minnu. Is-sindku qabel ma' din il-

proposta, anzi, però jridu jittieħdu parir mingħand botanista. Il-kunsill huwa nfurmat li peress li s-siġra ħakimha l-mard, trid tinqala' kollha bil-ħamrija b'kollox, għax jekk titħawwel siġra oħra din x'aktarx tmut ukoll.

13.3.23 Suġġeriment ieħor li semmiet il-kunsillier Cassar Sultana, hija li kellmuha diversi b'ilmenti minn għaqdiet fir-raħal, li peress li m'għandhomx paġna soċjali, tistax isir *notice board* oħra fejn ikunu iwaħħlu posters u notifikazzjonijiet biex in-nies ikunu jistgħu jarawhom. Is-sindku semma ukoll li jista' jitwaħħal ukoll materjal ta' reklamar mal-ħadid tal-*playing field*. Xi ħaġa li għamlu l-klabb tal-futbol, hija li xħin il-persuna tħallas it-tessera tal-klabb, jitteħdulu d-dettalji personali u l-kumitat ikunu jistgħu jibagħtu messaġġ fuq il-mobile ta' dik il-persuna. Il-kunsilliera qablu li bħala kunsill, lill-għaqdiet tar-raħal jgħinuhom is-sena kollha u meta hemm bżonn. Għalhekk ma jsibux oġġezzjoni li dawn it-tip *ta' notice bo*ards isiru.

## 13.4 Komunikazzjoni

13.4.1 Is-sindku semma li kull sena ikun hemm *issues* fuq il-permessi tal-gabbani matul il-festa, fejn fakkar li bħala kunsill kienu ddeċidew li jagħtu prijorità lis-sidien Sannatin. Is-sindku huwa ta' l-idea li jibgħat għal dawn is-sidien u jgħidilhom fejn se jkun posthom biex jarmaw il-gabbani tagħhom. Jekk ikun hemm min joġġezzjona, l-kunsill iġib permess mingħand il-prinċipal tal-kulleġġ, u tal-hotdogs jarmaw il-kiosk tagħhom fil-grawnd ta' l-iskola. Il-kunsilliera Cassar Sultana ssuġġeriet kif jagħmlu tal-kultura, li jitilgħu bix-xorti. Is-sindku qal, li kif miftiehem mill-kunsilliera, l-ewwel prijorità sidien minn ta' Sannat u għalhekk se jintaqa' magħhom u jimxu minn hemm.

13.4.2 Is-soċjetà filarmonika Santa Margerita talbet lill-kunsill għajnuna finanzjarja ta' sitt mitt ewro (€600) biex isir ir-riċeviment u sitt mitt ewro (€600) għall-festa tfal. Il-kunsilliera qablu li għandha tingħata din l-għajnuna mitluba, u huwa mportanti li l-kunsill ikun rikonoxxut ta' l-għajnuna finanzjarja li ħareġ. Il-kunsill se jagħmel *draft agreement* mal-kumitat tal-banda, u jekk tinkisser waħda mill-klawsoli, il-flus ma jgħaddux.

13.4.3 Il-korporazzjoni Enemalta għamlet talba lill-kunsill biex jittella arblu, peress li l-post tal-kantuniera tal-pjazza se jitwaqqa, u l-arblu tad-dawl li hemm imwaħħal ma' dan il-post irid jitneħħa. Il-korporazzjoni Enemalta se jpoġġu arblu f' waħda mill-*main holes* li saru fil-pjazza, tintela bil-konkos u jitwaħħlu l-*wires* tad-dawl. Dan se jkun b'mod temporanju sakemm il-*wires* se jgħaddu minn taħt l-art, u hekk l-arblu jinqala', jitneħħa l-konkos, titnaddaf il-*mainhole* u titpoġġa t-tappiera.

13.4.4 Is-sindku qal li fil-ġimgħa tal-festa sa' l-għada tal-festa jiġifieri 28 ta' Lulju, ma jingħatawx permessi marbuta ma' kostruzzjoni.

13.4.5 GAGF bagħtu korrispondenza lill-kunsill minħabba *change request* li kien estiz sa l-aħħar ta’ Mejju. Is-sindku qal li se jkellem lis-Sur William biex ikun jista’ jagħti l-għajnuna tiegħu biex ikunu jistgħu jiġu *claimed* il-fondi mitluba.

13.4.6 Is-segretarja eżekuttiva qalet li l-kunsill irċieva komunikazzjoni mingħand l-ERA rigward rimi ta’ żibel fi Triq Xamgħan. Is-sindku qal, li qabel ma jitwaħħlu l-kameras tas-sigurta, mhux se tissolva l-problema, għax xħin imorru l-ħaddiema tal-kunsill inaddfu u jneħħu l-boroż taż-żibel, dakinhar stess jerġgħu jintefgħu boroż oħra taż-żibel.

13.4.7 GAGF ħarġu applikazzjoni ta’ fondi biex il-kunsilli jistgħu japplikaw taħt l-isem EU funded CAP Strategic plan. Dawn il-fondi huma mmirati li jtejbu l-kwalità tal-ħajja u bħala kunsill jistgħu jibbenifikaw bejn il-ħmistax (15) u l-ħamsin (50) elf ewro. Il-kunsill se jara sewwa din l-applikazzjoni.

13.4.8 L-iskema tal-LESA maħruġa mir-reġjun t’Għawdex biex ikunu jistgħu jiffinanzjaw servizzi ta’ sigurtà waqt attivitajiet kulturali, issa spiċċat. Is-sindku semma li sfortunatament, f’ċertu okkażjonijiet ma kienx ikun hemm *wardens* jew pulizija disponibbli u għalhekk l-kunsill kellhom iqabbdu uffiċċjali ta’ *Transport Malta*, liema uffiċċjali ma kienux koperti minn din l-iskema. F’dan il-każ, il-kunsill xorta kien qed tiġih spiża biex iħallas lil dawn l-ufficcjali. Is-sindku ssuġerixxa, li uffiċċjali ta’ *Transport Malta* ikunu wkoll f’din l-iskema ta’ finanzjament tal-LESA, għax bosta drabi, dawn l-uffiċċjali biss ikunu disponibbli jew inkella jkun hemm *capping* ta’ finanzjament għal kull attivita’ li tiġi organizzata. Is-sindku huwa kunfidenti li din il-proposta tiġi milquha.

13.4.9 Il-kunsill rċieva talba ta’ għajnuna finanzjarja minn naħa tal-parroċċa ta’ Sannat. Din it-talba tinkludi, tlett uffiċċjali ta’ sigurtà għall-purċissjoni ta’ Jum il-festa, *entertainment* għal waqt l-ikla tal-festa, mitejn (200) ewro għal-tfal, erbgħa mitt midalji u affarijiet oħra għal-*Sports Day* li tiġi organizzata fin-novena tal-festa, liema total jammonta għal elf, erbgħa mija u sebgħin (1,470) ewro. Il-kunsilliera qablu li għandha tingħata din l-għajnuna, però, important li l-kunsill ikun rikonoxxut u fir-rendikont tal-festa jkun imniżżel l-għajnuna finanzjarja li ta l-kunsill.

13.4.10 Il-kunsill ġie mħeġġeġ minn naħa tal-ministeru t’Għawdex u l-ippjanar biex jorganizza attività għal l-anzjani fix-xahar t’Ottubru. Waħda mill-proposti tista tkun li tiġi organizzata ħarġa fir-raħal stess, fejn dawn l-anzjani anki jirrakontaw stejjer u ġrajjiet li għaddew minnhom f’dawn il-postijiet interessanti madwar ir-raħal. Għada l-kunsill se jibgħat il-proposta lill-ministeru.

13.4.11 Ic-cirkulari SPI/SCI/04/2023 marbuta mas-CCTV ġiet estiża sa’ 31 ta’ Lulju ta’ din is-sena.

13.4.12 Il-*project Closure Report* marbut mal-proġett tas-sala tal-każin tal-banda kien sat-12 ta’ Ġunju. Kif semma qabel is-sindku, se jkellem lis-Sur William biex jiġi finalizzat ir-rapport. Ta’ min isemmi li l-kunsill ħallas l-ispejjeż kollha u għalhekk irid jagħmel il-claims mal-GAGF.

13.4.13 Is-sindku irċieva stedina biex imur fil-programm tat-Televiżjoni i. It-*tentative date* hija 15 ta’ Lulju wara nofsinhar.

13.4.14 Is-segretarja eżekuttiva fakkret lill-kunsilliera li biex ikun hemm permessi biex jingħalqu t-toroq, iridu l-ewwel jinfurmaw lis-Sur Joebert u l-KIP. Is-sindku qal li l-permessi dejjem joħorġu wara 9.00am.

13.4.15 Il-kunsill qed jiddiskutu mal-ministeru għal Għawdex rigward is-siġra ta' Auricaria fil-pjazza Santa Margerita. Is-sindku kellem lid-direttur ġenerali fi ħdan il-ministeru għal Għawdex, biex kemm jista' jkun malajr iġibu botanista, jiċċertifika li s-siġra hija mejta, u hekk ikun jista' jitneħħa kull periklu. Is-sindku se jressaq ukoll is-suġġeriment li tat il-kunsilliera Cassar Sultana.

13.4.16 L-inġinier Christian Cordina talab l-*invoice* lil Xerri Garden Centre rigward xoghlijiet li saru marbuta mal-proġett tal-pjazza. Xerri Garden kellhom *maintenance plan* u jridu jkellmu lill-inġinier.

13.4.17 It-tim tal-futbol ta' Sannat Lions għamlu talba lill-kunsill biex jiffinanzja l-gerijiet tat-timijiet tal-futbol tal-*youths* u tim tal-kbar. Din it-talba kienet saret ukoll is-sena l-oħra u ġiet approvata bħal ma saret din is-sena minn naħa tal-kunsilliera.

13.4.18 Ir-reġjun t'Għawdex talab il-program li ser isir ma' l-għaxar tfal mill-Ukrenja etajiet minn ħdax sa ħmistax -il sena. Dan il-program ta' din l-attività ta' nofs ta' nhar irid jintbagħat sat-18 ta' Lulju, bl-attività trid isir bejn 18 u 25 ta' Awwissu. Il-kunsilliera issuġerixxu li jagħmlu *hike* madwar ir-raħal ta' Sannat.

13.4.19 Ġie approvat il-kuntratt ta' l-*animal steward* is-sur Noel Borg.

13.4.20 Se jkun hemm *board meeting* ta' l-awtorità ta' l-ippjanar rigward il-permess PA3869/24 - 2 *penthouses at Highfields*, Triq it-Tempju Tal-Imramma. Il-perit tal-kunsill jieħu ħsieb dawn il-*meetings*.

13.4.21 Ħarġet ċirkulari SPI/SCI/07/2025 marbuta ma' fond biex jintuża għal kommunitajiet aktar b'saħħithom Il-sindku ssuġerixxa li bħala kunsill għandhom japplikaw għal fondi msemmija biex jintużaw għal Belveder fi Triq 28 t'April. Il-kunsilliera qablu li għandhom japplikaw għal dawn il-fondi.

13.4.22 Il-kunsilliera Cassar Sultana ressqet ilment fuq l-*sleeping police* fi triq il-Ġir qed tinqala'. Il-kunsill ser ikellem lis-Sur Mallia biex jiġi jsewwihom.

13.4.23 Il-kunsillier Bajada semma li l-plakka bl-isem tat-triq 'Tal-Lewż' għadha ma twaħħlitx. Is-sindku qal li jridu jsibu fejn se teħel.

13.4.24 Is-sindku qal li fi Triq Santa Marija arblu tad-dawl quddiem l-isem tat-triq, u l-pustier qed isib diffikultà biex iqassam l-ittri. B'xi mod, l-isem tat-triq irid jersaq ftit biex ikun jidher.

## 13.5 Attivitajiet tal-festa

13.5.1 Bħala kunsill, marbuta ma' l-attivitajiet tal-festa, qed jaħdem fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel, l-għajnuna finanzjarja marbuta mal-marċ tat-tfal, l-għajnuna finanzjarja lill-parroċċa u l-każin tal-banda. Minn naħa tal-kunsill ukoll saru l-*insurance* tan-nar l bil-*fire engines* b'kollox. Li baqa' jsir huwa l-applikazzjoni f'isem l-għaqda tan-nar 20 ta' Lulju marbuta ma-xow pirotekniku *Glowing Skies*. Il-kunsill se japplika għal fondi marbuta ma' din l-attività.

## 13.6 Ilmenti u suġġerimenti

13.6.1 B' referenza għall-ilment 63/2025, resident li jogħod fi Triq Saguna ilmenta rigward quad bikes ipparkjati ħazin f' din it-triq. Il-kunsill m,għandux l-awtorità u għalhekk iridu jkellmu lill-pulizija.

13.6.2 Il-kunsilliera Cassar Sultana ressqet ilment fuq id-dgħajjes li qed ikun hemm fi Mġarr ix-Xini u l-ħmieġ li qed iħallu, kif ukoll l-istorbju. Is-sindku kkonferma li uffiċjal tal-*maritime section* ta' *Transport Malta*, jagħmel spezzjonijiet f'din il-bajja, però, ma jistax ikun hemm 24 siegħa. Il-kunsill m'għandux kontroll fuqhom.

13.6.3 B' referenza għall-ilment 64/2025, resident li joqgħod fi Triq il-Ħarruba talab li jsir *double yellow line* faċċata tal-*garage* tar-residenza tagħhom, dan peress li qed issibuha diffiċli biex jidħol bil-vettura tagħhom. Is-sindku qal, li l-perit irid jagħmel pjanta u tintbagħat lill-Transport Malta għal-approvazzjoni.

13.6.4 B' referenza għall-ilment 65/2025, il-Kunsill talab l-għajnuna tal-ħaddiema tal-MGP permezz tas-sistema tal-*Works Request System*, sabiex isir *refreshment* tas-sinjali tat-toroq madwar il-lokalità kollha.

13.6.5 B'referenza għall-ilment 66/2025, il-Kunsill talab l-għajnuna tal-ħaddiema tal-MGP peremezz tas-Sistema tal-*Works Request System* sabiex tiġi mwaħħla tabella *disabled parking* fuq kanna fi Triq Ta' Ċenċ fejn hemm id-*disabled parking* fl-art. Il-kunsill qed jissuġerixxi li ssir tabella *communal parking*.

13.6.6 B' referenza għall-ilment 67/2025, il-Kunsillier Franco Bajada bagħat ritratti ta' ħmieġ li hemm fi Triq l-10 ta' Ottubru, Triq il-Qortina, Triq Pisoniano u Triq Gerxija. Dan l-ilment ġie diskuss preċedentement f'din il-laqgħa u kien hemm żvilupp pożittiv.

13.6.7 B' referenza għall-ilment 68/2025, resident li joqgħod fi Triq Ta’ Ċenċ talab biex terga ssir kaxxa għal-*parking* tal-muturi quddiem ir-residenza tiegħu. Din it-talba intbagħtet bis-Sistema tal-*Works Request System* sabiex ikun jista jsir dan. Din il-kaxxa tal-*parking* tneħħiet meta kienu qed isiru x-xogħlijiet mill-korporazzjoni ta’ l-ilma minħabba d-dranaġġ, ingħata t-tarmac u għalhekk iridu jinżabħu l-linji.

13.6.8 B' referenza għall-ilment 69/2025, il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* MGP rigward ħaxix ħażin fi Triq Mgarr ix-Xini. Il-ħaddiema tal-kunsill qattgħu il-ħaxix kollu f’jumejn. In-niżla ta’ Mġarr ix-Xini, il-ħaxix ma nqatgħax għax kien għaddej il-ġbid tal-film fil-bajja. Is-sindku huwa nfurmat li l-ħaddiema kellhom imorru ġurnata oħra.

13.6.9 B' referenza għall-ilment 70/2025, resident li joqgħod fi Triq Dun Xand Aquilina talab li tiġi rrangata parti mill-bankina quddiem ir-residenza tiegħu, dan peress li hi maqlugħa bi xfar il-fuq u madum jitħarrek mingħajr *grouting*. Huwa qed jitlob li jsir dan peress li hija ta periklu għal *pedestrians.* Is-sindku qal li l-bankini fi Triq Dun Xand Aquilina ilhom li saru, u jekk il-kunsill isib ftit fondi dawn jiġu mibdula.

13.6.10 B' referenza għall-ilment 71/2025, residenta li toqgħod fi Triq Ta' Ċenċ talbet li tiġi rrangata l-bankina ta’ quddiem ir-residenza tagħha. Din it-talba għandha tintbagħat bis-sistema tal-Ministeru.

13.6.11 B' referenza għall-ilment 72/2025, residenta li toqgħod fi Triq Xagħman ilmentat rigward l-istat li tinsab fiha din it-triq dan peress li bħala qed ikun ta’ inkonvenjent biex jaċċessaw din it-triq. Hija ilmentat rigward in-nuqqas ta’ dawl li hemm f' din it-triq. Hija ilmentat ukoll rigward rimi ta' skart illegali u anke rigward disorganizazzjoni ta' parkeġġ dan peress li ma hemmx *road markings.* Dan l-ilment diġa ġie diskuss f’din il-laqgħa.

13.6.12 B' referenza għall-ilment 73/2025, resident li joqgħod fi Triq Dun Xand Aquilina talab li ssir *yellow parking bay* quddiem il-garage tar-residenza tiegħu dan peress li qed issibha diffiċli biex ikun jista jidħol u joħroġ ġol-garage. Il-kunsill se jagħmel talba lit-Transport Malta. Huwa ilmenta li l-*water culvert* li hemm ftit il-fuq mill-propjetà tiegħu jagħmel ħoss ta' "doom doom" kull darba li jgħaddu il- karozzi u qed ikun ta’ problema fix-xogħol tiegħu dan peress li hu għandu *recording* studio.

13.6.13 B' referenza għall-ilment 74/2025, residenta ilmentat rigward tapira imkissra perikoluża fuq bankina fi Triq il-Kbira. Dan l-ilment diġa ġie ndirizzat.

13.6.14 B' referenza għall-ilment 75/2025, residenta ilmentat rigward dawl aħmar u arbli li ġew installati qrib il-propjetà tagħha, kważi fil-bitha tagħha u viċin ta' djar oħra li jħarsu lejn il-wied. Hija ilmentat rigward diversi affarijiet rigward li l-murtali ser ikunu qed jinħarqu viċin tagħhom.

13.6.15 B'referenza għall-ilment 76/2025, residenta li toqgħod fi Triq Xagħman ilmentat rigward residenti li qed jitfgħu l-skart mill-gallarija għal-isfel. Il-kunsill se jinforma lill-*community police* biex imur ikellem lil dawn ir-residenti.

13.6.16 B'referenza għall-ilment 77/2025. Resident li joqgħod Triq Dun Xand Aquilina, ilmentat rigward biċċa tarmac li saret riċenti quddiem ir-residenza tagħha. Din il-persuna ilmentat li l-elevazzjoni li nħolqot bejn il-biċċa l-qadima u l-biċċa l-ġdida, qed jirriżulta li l-ilma tax-xita jidħol fil-garaxx tagħha, u qed ikun ta' detriment għal-propjetà tagħha. Il-kunsill ser jinforma lill-perit.

.

## 13.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 06/2025

13.7.1 Is-Segretarja Eżekuttiva ressqetl-iskeda ta' pagamenti Nru.06/2025 li ntbgħatet permezz ta' imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Din ġiet moqrija mill-kunsilliera Francis Galea. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-*Internet Banking*. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-kunsilliera Galea u ssekondata mill-Kunsillier Bajada. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma' dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 13.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

13.8.1 Il-laqgħa ntemmet fil-u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 17 ta' Lulju, fis-1.30 pm

13.8.2 Konfermati, illum 17 ta' Lulju 2025

Firmati

| | |
|---|---|
| Philip Vella | Jeanette Grima |
| Sindku | Segretarja eżekuttiva |